

- 3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.
- 4) Ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika Taljana, l-Ungerija, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija u r-Repubblika Portugiża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(<sup>1</sup>) ĠU C 77, 9.3.2020.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta' Novembru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal d'arrondissement de Luxembourg – il-Lussemburgu) – WM (C-37/20), Sovim SA (C-601/20) vs Luxembourg Business Registers**

(Kawża magħquda C-37/20 u C-601/20) (<sup>1</sup>)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu – Direttiva (UE) 2018/843 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 – Emenda magħmula fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30(5) ta' din l-aħħar direttiva – Aċċess ta' kull membru tal-pubbliku ġenerali għall-informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi – Validità – Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Rispett tal-ħajja privata u tal-familja – Protezzjoni tad-data personali)*

(2023/C 24/03)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Qorti tar-rinviju

Tribunal d'arrondissement de Luxembourg

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: WM (C-37/20), Sovim SA (C-601/20)

Konvenut: Luxembourg Business Registers

### Dispożittiv

Il-punt 15(c) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE, huwa invalidu sa fejn dan emenda l-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30(5) tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE, fis-sens li dan il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30(5) jipprevedi, fil-verżjoni emendata tiegħu, li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi tal-kumpanniji u tal-entitajiet ġuridiċi oħra stabbiliti fit-territorju tagħhom tkun aċċessibbli fil-każijiet kollha lil kull membru tal-pubbliku ġenerali.

(<sup>1</sup>) ĠU C 103, 30.3.2020.  
ĠU C 35, 1.2.2021.